

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1581

tat-18 ta' Settembru 2015

### li taħtar membru supplenti Daniż fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar, fil-5 ta' Frar u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 <sup>(1)</sup>, (UE) 2015/190 <sup>(2)</sup> u (UE) 2015/994 <sup>(3)</sup> li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Lotte CEDERSKJOLD ENGSIG-KARUP, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Steen BORDING ANDERSEN, *Aarhus City Council Member*

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2015.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
C. DIESCHBOURG

<sup>(1)</sup> ĠUL 20, 27.1.2015, p. 42.

<sup>(2)</sup> ĠUL 31, 7.2.2015, p. 25.

<sup>(3)</sup> ĠUL 159, 25.6.2015, p. 70.